**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D; Barrister at Law (England & Wales)**

**Avviz Numru: 311/2017 NL**

**Avviz Numru 311/2017 NL**

**FM Core Condominium Administration Limited (C-68910) fil-kwalita' taghha ta' Amministratrici tal-*Condominium* bl-isem *Form Cambridge West 1 (Condominium Number 1587)* kif ukoll tal-*Condominium* bl-isem *Fort Cambridge Garage Complex* (*Condominium Number* 1586) u b'digriet tal-11 ta' Lulju 2022 l-atti gew korretti biex jaqraw Electrofix Condominium Services Ltd (C-46349)**

**Vs**

**Igor Kurbatov (Passaport Russu numru 71 7290614) u b'digriet tal-31 ta' Ottubru 2019 giet nominata l-Avukat Dr. Graziella Tanti sabiex tirrapprezenta lill-istess assenti Igor Kurbatov; u b'digriet tal-14 ta' Gunju 2018 giet intervenut fil-kawza Av. Clayton Fenech (104195M) bhala mandatarju specjali ta' Irina Rudenskaya (Passaport Russu Numru 53 No. 0573730)**

Illum 4 ta' Ottubru 2022

Il-Qorti:

**Premessi**

Rat l-avviz tas-socjeta' attrici li permezz tieghu tablet li din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' €8,293.10 dovuti in kwantu €7,957.78 arretrati ta' kontribuzzjonijiet annwali tal-kondominju in konnessjoni ma' Appartament W1-1501 f'Fort Cambridge Block West 1, Fort Cambridge, Triq Tigne', Sliema, u kwantu ghal €335.32 rapprezentanti arretrati ta' kontribuzzjonijiet annwali dovuti ghall-garaxx numru -1/78 fil-kumpless ta' garaxxijiet, f'Fort Cambridge, Triq Tigne', Sliema, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet.

Rat ir-rikors ghall-intervent in kawza ta' l-Avukat Clayton Fenech bhala mandatarju specjali ta' Irina Rudenskaya liema talba giet milqugha b'digriet ta' din il-Qorti, diversament presjeduta, tal-14 ta' Gunju 2018.

Rat ir-risposta ta' Dr. Graziella Tanti kuratrici ghall-assenti Igor Kurbatov tal-14 ta' Gunju 2021 fejn eccepiet illi (i) mhijiex edotta mill-fatti tal-kaz de quo u ghalhekk qed tirriserva d-dritt li tipprezenta risposta motivate u ulterjuri flimkien ma' lista ta' xhieda u dokumenti, jekk ikun il-kaz, f'kaz u jekk tigi edotta mill-fatti (ii) hija baghtet ittra fl-indirizz indikat mir-rikorrenti gewwa Sliema izda mill-indikazzjoni li ghandha ma fetah had u l-ittra ghadha gewwa l-ufficju postali ta' Tas-Sliema tistenna biex tingabar. Bla pregudizzju, ir-rikorrenti ghandhom jidnikaw liema hu l-ahhar indirizz li jafu li kien qed jirrisjedi fih l-intimat u jekk ghandhomx informazzjoni jekk ghadux Malta; (iii) illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tas-socjeta' attrici u l-

pretensjonijiet taghhom huma infondati fil-fatt u kemm fid-dritt u m'ghan dhomx jigu milqugha.

Rat illi s-socjeta' attrici ghalqet il-provi taghha fis-seduta tal-11 ta' Lulju 2022[1], il-kuratrici ghall-assenti ddikjarat li m'ghandhiex provi fl-istess udjenza[2] u l-Qorti ddikjarat il-provi tal-intervenut Dr. Clayton Fenech nomine maghluqa dakinhar stess.[3]

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif ippresjeduta permezz tad-digriet ta' l-1 ta' Jannar 2020 mill-Prim Imhallef Emeritus Joseph Azzopardi LL.D.

Semghet ix-xhieda u rat il-provi u d-dokumenti kollha in atti;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawza giet imhollija ghal-lum ghas-sentenza u ma jirrizultax illi saret xi talba ghas-sospenzjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza jew li hemm xi impediment iehor ghall-ghoti tas-sentenza illum;

**Ikkunsidrat:**

Bhala provi din il-Qorti qieset li l-attrici pprezentat kuntratt tas-6 ta' Dicembru 2014 fl-atti tan-Nutar Rachel Busuttil li permezz tieghu certu Yury Gromushkin biegh lill-intimat assenti Igor Kurbatov l-appartament u l-garaxx mertu ta' din il-kawza.

---

[1] Fol. 83
[2] Fol. 84
[3] *Ibid.*

L-intervenuta fil-kawza, Irina Rudenskaya, titlob li tintervjeni f'din il-kawza wara li taghmel referenza ghar-rikors promotur taghha quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili li permezz tieghu qeghda titlob in-nullita' tal-kuntratt pubbliku li permezz tieghu l-imsemmi Gromushkin, ir-ragel tal-intervenuta fiz-zmien mertu tal-akkwist u tal-bejgh tal-proprjeta' in kwistjoni, trasferixxa l-istess proprjeta' ghad-dannu tal-interessi taghha.

Tajjeb jinghad li minkejja li l-Avukat Dr. Clayton Fenech nomine intervjena f'din il-kawza, u ghalhekk kellu l-possibilita' sabiex, f'dak l-istadju, juzufruwixxi ruhu mill-ghodda legali kollha disponibbli ghalih f'dak l-istadju – li kien wiehed fejn lanqas l-istadju tal-atti bil-miktub ma kien ghadu maghluq – ma ghamilx dan. Minflok, l-intervenuta Rudenskaya ghazlet li ma ssegwix aktar ghas-seduti u halliet il-kawza timxi wahedha. Fil-fatt, il-mandatarju specjali taghha deher ghal zewg seduti biss, 13 ta' Novembru 2018 u 12 ta' Frar 2019. Wara din l-ahhar udjenza, la l-mandatarju specjali tal-intervenuta, u wisq anqas l-intervenuta nnfisha, ma deheru aktar fil-kawza.

**Ikkunsidrat**

Mill-provi prodotti jirrizulta li Igor Kurbatov huwa debitu tas-socjeta' attrici fis-somma indikata fl-avviz promotur. Ma tressqu ebda provi li jikkuntestaw dan l-ammont jew li juru li sar xi hlas tieghu, in parte jew fis-shih.

Ghalhekk, din il-Qorti tqis li s-socjeta' attrici rnexxilha tipprova l-kaz taghha sal-grad rikjest f'dawn il-proceduri

**DECIDE**

Għaldaqstant, din il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi **tilqa'** t-talbiet tas-soċjeta' attriċi, tikkundanna lill-konvenut Igor Kurbatov sabiex iħallasha s-somma €8,293.10, bl-imgħaxijiet dekorribbli mit-28 ta' Mejju 2021, ossija minn meta l-kuratriċi deputata ġiet notifikata bir-rikors promotur u l-avviż relattiv, u bl-ispejjeż ta' din il-kawża jitħallsu mill-istess Igor Kurbatov.

**Dr. Nadine Lia**

**Maġistrat**

**Lorianne Spiteri**

**Deputat Reġistratur**